MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 13/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lineker David Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lineker David Micallef talli:

(1) Nhar-il 15 ta’ Frar 2004 ghall-habta tas-2.00 a.m. ikkometta serq ta’ vettura tal-ghamla Mini Minor Nru tar-Registrazzjoni JAZ-724 minn gewwa Triq Dragonara kantuniera ma’ Paceville Avenue, Paceville, San Giljan ghad-dannu ta’ Carmelo Saliba minn Tas-Sliema liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) Bejn il-15 ta’ Frar 2004 u d-19 ta’ Frar 2004 b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda f’diversi bnadi u hinijiet tal-Gzejjer Maltin saq l-istess vettura JAZ-724 Austin Mini minghajr ma kien awtorizzat b’licenzja tas-sewqan mahruga mid-Direttur tat-traffiku;

(3) Fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-imsemmija vettura JAZ-724 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni;

(4) Fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-istess vettura JAZ-724 b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti;

(5) Bejn il-15 ta’ Frar 2004 u d-19 ta’ Frar 2004 volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe` partijiet minn vettura JAZ-724 ghad-dannu ta’ Carmelo Saliba minn Tas-Sliema liema hsara teccedi l-hamsin liri Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-mitt liri Maltin (Lm100);

(6) Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti presjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli fejn kien instab hati ta’ frodi u ssentenzjat *probation* taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal tliet snin nhar-il 24 ta’ Gunju 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 271(g), 279(a) u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Lineker David Micallef hati ta’ l-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu u kkundannatu dwar l-ewwel hames imputazzjonijiet ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sitt xhur pero` ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-piena m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta’ erba’ snin, l-imsemmi Lineker David Micallef jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9 dik il-Qorti poggietu taht is-supervizjoni ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon bhala ufficjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perijodu

operattiv ta' dik is-sentenza. Inoltre dik il-Qorti ordnat li l-istess Lineker David Micallef, a tenur ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9, ihallas is-somma ta' mitt liri Maltin (Lm100) fi zmien sitt xhur lil Charles Saliba bhala kumpens ghall-hsarat sofferti. Dwar is-sitt imputazzjoni, bl-applikazzjoni ta' l-aretikolu 21(2) tal-Kap. 446 ikkundannatu ghal *ammenda* ta' mitt liri Maltin (Lm100);

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur K. Farrugia) v. *Omissis* u Lineker David Micallef** (App. Nru. 70/07) li permezz taghha, a tenur ta' l-artikolu 28A, 28B, 28C, 28D, 28E u 28F tal-Kap. 9, baghtet lill-istess Lineker David Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kienet tat sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon bhala ufficjal sorveljanti fil-25 ta' Mejju 2004, biex dik il-Qorti tara li l-istess Lineker David Micallef jingieb quddiemha u tara hux il-kaz li ghandha tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom kienet inghatat dik is-sentenza b'kull mod li setghet tittratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Jannar 2008 li permezz taghha ordnat li l-perijodu ta' sitt xhur prigunerija msemmija fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju 2004 jigu rezi applikabbli minnufih;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Lineker David Micallefipprezentat fil-25  ta' Jannar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minnha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwwel Qorti ma kellhiex taghti s-sentenza li tat peress illi huwa diga` gie kkundannat hames snin prigunerija dwar il-ksur tas-sentenza sospiza in kwistjoni u ghalhekk m’ghandux jigi kkundannat darbtejn ghall-istess perijodu fuq l-istess kaz; (2) Minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti ma qisitx ix-xiehda ta’ Marietta Lanzon, il-*probation officer*, li l-appellant kien qieghed jaghmel l-almu tieghu biex johrog mill-problema tad-droga u ghalhekk ma kellhiex tinghata piena effettiva ta’ prigunerija; (3) Huwa diga` nghata sentenza ferm akbar ta’ prigunerija effettiva f’Settembru 2007 mill-Qorti ta’ l-Appell u ghalhekk ma kellux jerga’ jigi kkundannat sitt xhur ohra addizzjonali fl-istess perijodu operattiv u ghall-istess reat li effettivament kien diga` nghata l-piena. Il-Qorti diga` applikat il-massimu meta applikat hames snin prigunerija minflok is-sentejn prigunerija li kienu sospizi u li dawn m’ghandhomx jizdiedu b’sitt xhur ohra.

Issa, kif diga` indikat fil-parti preliminari ta’ din is-sentenza, l-appellant kien gie akkuzat bir-reati elenkati kommessi bejn il-15 u d-19 ta’ Frar 2004 u li ghalihom huwa ammetta. B’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Mejju 2004, minbarra li gie kkundannat ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ mitt lira Maltin (Lm100) dwar il-ksur ta’ *conditional discharge* (erronejament imsejjah *probation* f’dik is-sentenza) moghti b’sentenza precedenti ta’ l-24 ta’ Gunju 2003, l-appellant gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba’ snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti minhabba sensiela ta’ reati kommessi f’Novembru 2006 kif ukoll minhabba ksur ta’ kondizzjonijiet moghtija b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). B’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Frar 2007 l-appellant tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin ai termini ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Avukat Generali appella izda din il-Qorti diversament presjeduta kkonfermat s-sentenza appellata fejn l-appellant kien instab hati u fejn ordnat li jitqieghed taht ordni ta’ *probation* b’dan illi ziedet xi kondizzjonijiet ohra fil-

*probation order*. Wara li fil-31 ta' Awissu 2007 saret denunzja mill-ufficjal tal-*probation* anzjana Miriam Sevasta fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446, din il-Qorti kif diversament presjeduta iddecidiet li ghandha tittratta ma' l-appellant kif jipprovdi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446:

"**Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taht *probation* ikun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita`, dik il-qorti tista' … tittratta ma' min ikun taht *probation*, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.**"

Difatti b'sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, din il-Qorti hekk diversament presjeduta ttrattat ma' l-appellant mill-gdid, irrevokat l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju 2007 u kkundannatu hames snin prigunerija dwar ir-reati li taghhom gie dikjarat hati, u inoltre baghtitu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex **"tara hux il-kaz li ghandha tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom kienet inghatat"** is-sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin fil-25 ta' Mejju 2004. Dik il-Qorti, bis-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar 2008 effettivament irrendiet effettiva l-imsemmija sentenza sospiza ta' sitt xhur prigunerija.

Minn dan huwa evidenti illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, il-hames snin prigunerija li ghalihom gie kkundannat bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 tas' Settembru 2007 <u>ma jinkludux</u> is-sitt xhur prigunerija li kienu sospizi ghal erba' snin bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju 2004. Issa, skond l-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hlief jekk is-sentenza tkun diga` bdiet issehh, dik il-qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda ssehh.

Mill-atti jirrizulta li r-reati li dwarhom l-appellant gie eventwalment ikkundannat bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Settembru 2007 gew kommessi f'Novembru 2006 u cioe` matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza msemmija. Jirrizulta illi l-ewwel darba li gie ordnat il-bidu fis-sehh ta' dik is-sentenza sospiza kien permezz tas-sentenza appellata, cioe` dik tal-15 ta' Jannar 2008. Huwa certament pozittiv il-progress li gie ndikat li l-appellant qieghed jaghmel waqt li qieghed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija msemmija ta' hames snin, u din il-Qorti tittama li jibqa' jaghmel dan il-progress anke billi eventwalment, bhala parti mis-sentenza tieghu, jippartecipa fi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni sabiex jehles ghal kollox mill-problema tad-droga. Ciononostante dawn mhumiex cirkostanzi mitiganti bizzejjed li jiggustifikaw l-applikazzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9. L-appellant inghata opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu. Kien jaf sew il-konsegwenzi jekk jabbuza mill-fiducja li tawh dawn il-qrati. Ghalhekk l-appell tieghu ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------